# IL-BIDWI

**FOLJU MAĦRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA**

*Editur, C. Zammit-Marmarà M.B.E.*

Nru. 43 IL-ĠIMGĦA, IT-18 TA' AWISSU, 1944. Nru. 43

## ID-DIRETTUR TAL-BIEDJA

*(L-Editur)*

**W**ARA l-mewt tal-mibki Avukat G. Micallef, id-Direttur tal-Biedja ta' qabel, li ġrat ftit qabel il-gwerra. id-Dipartiment tal-Biedja, kien tista' tgħid, baqa' bla missier, u mill-mewt tiegħu sakemm inħatar bħala Direttur tal-Biedja, is-Sur Robert Biasini, u saħansitra għal xi sentejn wara wkoll, id-Dipartiment kien qed jitmexxa minn Aġent Direttur. Fost l-Aġenti Diretturi tad-Dipartiment ġie żmien li għamilha wkoll ta' Aġent l-istess Direttur tal-lum.

Is-Sur R. Biasini issa raġa' daħal fit-treġija tad-Dipartiment tal-Biedja bħala Direttur. Iżda hu mhu xejn ġdid f'dan id-Dipartiment. Huwa kellu x'jaqsam miegħu minn tnax-il sena 'l hawn, u, tista' tgħid, l-akbar xogħol ta' l-amministrazzjoni ma' tul dan iż-żmien kien dejjem f'idejh. Huwa laħaq għall-ewwel f'dan id-Dipartiment meta dan kien għadu jitrabba u jikber bil-ftit il-ftit, u meta wkoll wara, beda jsir fih l-akbar tibdil fix-xogħol amministrativ u tekniku—l-iktar f'dawk il-proġetti li nħolqu u twettqu wara suġġerimenti minn nies esperti li ġew apposta minn barra, l-iktar għal dik li hi torbija ta' bhejjem, tjur u annimali oħra ta' nisel ġdid fil-Qasam tal-Għammieri u koltivazzjoni ta' prodotti ta' l-ikel u tal-ġwież.



Fi żmienu twassa' x-xogħol ta' l-amministrazzjoni tad-Dipartiment meta l-Biċċerija ngħażlet mid-Dipartiment tas-Sanità u ngħaqdet ma' dak tal-Biedja. Fi żmienu wkoll trawwem ukoll ix-xogħol tal-mixtliet tad-Dwieli Amerikani li biddlu l-produzzjoni u taw ħajja ġdida lill-koltivazzjoni tad-dwieli tagħna li kienu għoddhom inqerdu bil-ħalja marda tal-"Peronospera".

Is-Sur Biasini f'ċertu żmien kien l-id il-lemija tad-Direttur u tista' tgħid ukoll ir-ruħ tad-Dipartiment tal-Biedja. Il-ħidma wtieqa tiegħu fid-Dipartiment u l-esperjenza kbira tiegħu fix-xogħol amministrativ kienu ġagħlu lill-Gvern jagħżlu bħala Aġent Direttur. Dan kien f'Ġunju ta' l-1940. Wara li kien wera kemm tassew sewa lid-Dpiartiment, l-iktar fi żmenijiet hekk imwiegħra tal-pajjiż, fl-24 ta' April, 1942, l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur, bl-approvazzojni tas-Segretarju tal-Kolonji, ħatru bħala Direttur tal-Biedja. Il-gwerra bdiet, wara ftit, tiħrax u dlonk bdew jinħassu l-effetti u l-ħsarat tagħha fuq il-popolazzjoni tal-Gżejjer ta' Malta, li biċċa minnha kellha tħalli djarha wara li tilfet ħwejjiġha.

Kienu l-aqwa tliet xhur ta' l-attakki ħorox mill-ajru tal-għadu meta l-Gvern deherlu li s-Sur Robert Biasini sata' jkun ta' għajnuna wisq iżjed kbira fil-bżonnijiet ta' emerġenza li kien hawn dik il-ħabta u għalhekk huwa kellu jinfired għal xi żmien mid-Dipartiment tal-Biedja biex jaħdem ta' Uffiċjal "Liaison" bejn il-Logutenent-Gvernatur u l-Kummissjonarji Distrettwali ta' Tas-Sliema, San Ġiljan, l-Imsida, il-Pietà, Birkirkara, il-Gżira, it-Tlitt Irħula u Ħal-Luqa.

F'il-waqt li kellu din il-karika huwa kien ukoll (kif għadu wkoll il-lum) President tal-"Board" tal-Kontroll tal-Qbejjel u President tal-Kumitat li jirregula l-Prezzijiet tal-Prodotti tal-Biedja.

Wara żmien il-Gvern għażlu wkoll bħala Uffiċjal Reġjonali tal-Protezzjon għat-Taqsima Ċentrali tal-Gżira ta' Malta, fejn id-dehen u l-ħidma tiegħu swew ta' għajnuna kbira lill-Gvern fiż-żmenijiet koroħ li sa ftit taż-żmien ilu konna għaddejjin minnhom.

Issa li l-Gvern ra illi ż-żmenijiet tbiddlu għall-aħjar u li jixraq li jarġa' jqiegħed lis-Sur Robert Biasini fil-karika tiegħu ta' Direttur tal-Biedja, aħna kellna l-pjaċir li nerġgħu narawh fostna, jarġa' mill-ġdid jieħu t-tmexxija tad-Dipartiment mis-7 ta' Lulju. Aħna għandna tama qawwija li taħt it-tmexxija tas-Sur Biasini, li dejjem kellu għal qalbu l-progress tal-bdiewa u x-xogħol tal-biedja, id-Dipartiment jimxi 'l quddiem, u, għalkemm il-lum hemm ħafna ċirkustanzi li għadhom ifixklu, bid-dehen u l-ħerqa tiegħu l-Biedja tal-Gżejjer ta' Malta għandha tieħu r-ruħ u tikber fil-produzzjoni ta' l-egħlejjel tagħha, u b'hekk flimkien mat-tama ta' żmenijiet aħjar, li lejhom kuljum qegħdin issa noqorbu, jkollna x-xorti li naraw il-biedja tagħna tgħaddi wkoll 'il quddiem u b'hekk tagħti ħajja ġdida ta' hena u paċi lill-kampanja li minnha jiddependi r-risq ta' din il-Gżira tal-"George Cross."

